MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 33/2005/1

**Anna Pace nee` Schembri**

**v.**

**John Pace**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell, interpost mill-attrici, kontra sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fis-26 ta' Ottubru 2006. Permezz ta' din is-sentenza dik il-Qorti cahdet it-talba attrici ghad-dikjarazzjoni tan-nullita` taz-

zwieg taghha minn ma' John Pace, bl-ispejjez kontra l-istess attrici. Din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tirriproduci l-partijiet l-aktar relevanti ta' dik is-sentenza, u dana peress illi minnha johorgu l-kawzali proposti mill-attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenut, kif ukoll esposizzjoni tal-ligi dwar id-diversi *capita nullitatis* avanzati mill-attrici. Qabel ma' taghmel dan, pero`, din il-Qort tixtieq tippreciza mill-bidu nett zewg affarijiet. Din il-Qorti tosserva li spiss qed jigu quddiemha kawzi dwar annullament fejn il-provi migjuba mill-partijiet ikunu skarni ghall-ahhar. Kawza fejn jintalab l-annullament ta' zwieg hija kawza serja hafna ghax ghandha riperkussjonijiet – anke jekk mhux neccessarjament kollha ta' natura legali – dejjiema mhux biss fuq il-partijiet innfishom izda anke fuq terzi, inkluzi t-tfal (jekk ikun hemm, bhalma hemm f'dan il-kaz) taghhom. Din il-Qorti, ghalhekk, ma tistax tifhem kif, bhal f'dan il-kaz, l-attrici tippretendi li bhala provi tressaq biss l-affidavit taghha (ankorke` wiehed pjuttost dettaljat) u dawk, pjuttost insinjifikanti, ta' ommha u ta' missierha. Jinghad "pjuttost insinjifikanti" ghax dawn ma jitfghu ebda dawl dwar xi kawza ta' nullita` ta' zwieg – ghalkemm dak tal-missier jikkorrobora cirkostanza partikolari u cioe` li jumejn wara z-zwieg, meta hija u zewgha suppost kienu fuq *honeymoon* f'Malta (u allura bil-*leave*), cemplulu tax-xoghol u dan qabad u mar ghax-xoghol[1], u l-attrici haditha tant bi kbira li cemplet lil missierha biex jigi ghaliha u qaltlu "Ejja hudni minn hawn ghax iddisprata"[2]. Huwa veru li fil-ligi biex il-Qorti – sia l-ewwel Qorti kif ukoll din il-Qorti – taccetta xi fatt jew cirkostanza, li dwarha tkun iddeponiet parti, bhala vera u in segwitu tigbed il-konkluzjoni legali minnha jew minnhom, ma hux mehtieg li dak il-fatt jew dik ic-cirkostanza tigi korroborata; pero` meta jkun mistenni, bhalma effettivament gara f'dan il-kaz, li parti konvenuta tichad u tinnega hafna minn dak li qalet l-attrici sia fl-affidavit taghha kif ukoll meta ddeponiet *viva voce*, il-parti attrici tkun qed tirriskja li, fejn setghet tikkorrobora dawn il-fatti u cirkostanzi, tibqa' ma tikkorroborahomx. F'dan il-kaz il-provi jikkonsistu, kif diga` inghad, fl-affidavits tal-attrici u ta' missierha u ta' ommha, id-deposizzjoni taghha *viva voce* quddiem l-ewwel Qorti (fejn allura giet ezaminata u

[1] Fol. 35
[2] Fol. 23.

kontro-ezaminata), l-affidavit tal-konvenut u d-deposizzjoni tieghu *viva voce* quddiem il-gudikant ta' l-ewwel grad. Fl-affidavit u fid-deposizzjoni tieghu l-konvenut jichad hafna affarijiet milli allegat l-attrici dwaru – u, frankament, din il-Qorti, mill-affidavits u mit-traskrizzjonijiet tad-deposizzjonijiet, hi tal-fehma li l-konvenut huwa aktar kredibbli ghal dak li jirrigwarda fatti u cirkostanzi li l-partijiet ma jaqblux bejniethom. Fi kliem iehor f'dan il-kaz – bhalma, jerga' jinghad, qed jigi f'hafna kawzi ta' annullament li qed jispiccaw quddiem din il-Qorti – il-Qrati huma rinfaccjati b'diffikolta` ta' karenza ta' provi, u ebda elaborazzjoni u rielaborazzjoni tal-principji legali, illum ormaj assodati fil-gurisprudenza taghna, minghajr il-fatti mehtiega li jistghu jinkwadraw fil-qafas legali, ma jistghu iwasslu ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici. It-tieni punt preliminari li tixtieq taghmel din il-Qorti huwa li xejn ma jghin it-tezi attrici l-fatt li l-parti attrici tinvoka skoss kawzali – f'dan il-kaz dawk kontemplati fil-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 – biex bhal speci "fejn laqghat, laqghat", u bis-solitu kontradizzjoni inerenti bejn id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u s-simulazzjoni.

## Is-sentenza appellata

**2.** Is-sentenza appellata, fil-partijiet relevanti taghha, tghid hekk:

"Il-Qorti,

"Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

"Premess illi fid-19 ta' Mejju 1984 il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fil-Parocca ta' Santa Lucija u dan skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument A;

"Premess illi dan iz-zwieg huwa vizzjat *inter alia* minhabba li l-kunsens ta' l-attrici inkiseb bi vjolenza morali u biza, l-kunsens ta' l-attrici kien ezkluz minhabba zball fuq l-identita` tal-konvenut; minhabba li l-kunsens ta' l-attrici

inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga; minhabba li l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u minhabba li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u ghad-dritt ghall-att taz-zwieg;

"Premess illi ghalhekk l-attrici qieghda tipprezenta din il-kawza sabiex titlob li dan iz-zwieg iccelebrat fid-19 ta' Mejju 1984 jigi ddikkjarat null u minghajr effett ai termini ta' l-Artikoli 19(1)(a)(b)(c)(d) u (f) ta' l-Att ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kapitlu 255) kif sussegwentement emendata;

"Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

"Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-kontendenti fid-19 ta' Mejju 1984 u dan ai termini ta' l-Artikoli 19(1)(a)(b)(c)(d) u (f) ta' l-Att ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kapitlu 255) kif sussegwentement emendata.

"Bl-ispejjez filwaqt li l-konvenut huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

"1. Illi fl-ewwel lok, l-eccipjenti jinforma lil dina l-Onorabbli Qorti, ai termini tad-Digriet taghha tas-26 ta' Lulju 2005, illi effettivament hemm proceduri pendenti quddiemit-Tribunal Ekklezjastiku relattivament ghaz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti nhar id-19 ta' Mejju 1984, liema proceduri waslu fi stadju avvanzat.

"2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti jaqbel mat-talba attrici limitatament ghal dikjarazzjoni u pronunzja illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti nhar id-19 ta' Mejju 1984 huwa null u bla effett fil-Ligi, izda dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess attrici u mhux lill-eccipjenti.

“3. Illi fil-fatt, kienet l-istess attrici illi kienet affetta minn difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dmirijiet u d-drittijiet essenzjali tal-mizzewgin, jekk mhux ukoll minn anomalija serja illi kienet taghmilha impossibli ghaliha illi tassumi l-obbligi taz-zwieg, kif jista’ jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“4. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kunsens ta’ l-istess attrici nghata b’eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, kif ukoll jista’ jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“5. Illi fic-cirkostanzi l-eccipjenti ma ghandux ibati l-ispejjez tal-prezenti, li ghandhom jigu sopportati unikament mill-attrici.

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

“Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet studjati tal-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawza;

“Semghet il-provi bil-gurament;

“Ikkunsidrat;

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg kuntrattat minnha mal-konvenut fis-19 ta’ Mejju 1984 huwa null fil-ligi minhabba li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a],[b],[c] u dak taz-zewg partijiet kien vizzjat skond il-paragrafi [d] u [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha tieghu l-konvenut eccepixxa li, filwaqt li jaqbel li z-zwieg huwa null, dan huwa attribwibbli ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici in bazi ghal dak kontemplat fil-paragrafi [d] u [f] ta’ l-Artikolu precitat.

"Mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-19 ta' Mejju 1984 wara gherusija ta' circa sitt [6] snin, meta allura l-attrici kellha 23 sena u l-konvenut 26 sena. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal. Il-partijiet sseparaw wara konvivenza ta' circa sittax [16] il-sena; u jinsab mhux kontradett il-fatt allegat mill-konvenut li l-attrici kellha relazzjoni extra matrimonjali li skond hu kienet ir-raguni principali li wasslet ghat-tkissir taz-zwieg taghhom.

**"Konsiderazzjonijiiet tal-Qorti**

"Fl-ewwel lok huwa opportun li jigi rilevat li l-Qorti semghet il-partijiet jiddeponu, u tosserva li ghandha certu riservi dwar il-kredibilita` rigward certi aspetti tal-versjoni tal-partijiet; b' mod partikolari ta' l-attrici u senjatament fejn din tallega li hi qatt ma kellha ebda imhhabba lejn il-konvenut u sahansitra kienet titqazzu. Il-Qorti tosserva li t-tul taz-zmien kemm ta' l-gherusija, l-eta` ta' l-attrici, kif ukoll tal-konvivenza matrimonjali u l-impenn fizisku taz-zewg partijiet sabiex ikollhom tfal miz-zwieg huma fatti provati li jimmilitaw serjament kontra din it-tezi attrici.

"Fit-tieni lok jigi osservat li ghandha issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jizviluppaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn <u>qabel ma ta l-kunsens tieghu</u>, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni , u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' <u>l-annullament</u>.

"Fit-tielet lok jinghad li *onus probandi ei qui dicit non ei qui negat*, u konformament ma' dan il-principju kardinali f'materja ta' prova, l-oneru tal-prova jirrisjedi fuq il-parti li tallega. *Multo magis* f'kazijiet bhal dawn in disamina fejn tezisti fil-ligi presunzjoni legali dwar il-validita` tal-kuntratt taz-zwieg, sakemm ma jigix muri l-kuntrarju bi provi sodisfacenti li jezistu, wiehed jew aktar, mir-ragunijiet espressament kontemplati fil-ligi *[App.Joseph Zammit vs Bernardette Zammit deciza 27.01.2006].*

*Vis et metus*

"Illi l-ewwel kawzali ta' l-attrici hija bazata fuq il-kontenut tal-paragrafu [a] ta' l-Artikolu precitat. In tema legali, dwar dan l-aspett huwa rilevanti dak osservat minn din il-Qorti fil-kawza *PA[PS] Denise Borg vs Christopher Borg* deciza fil-21 ta' Ottubru 2002 u fil-kawzi hemm citati, fejn gew postulati s-segwenti principji:

"Biex il-vjolenza morali tammonta (sic!) tivvizja l-kunsens jehtieg li din tahkem fuq persuna ragjonevoli, u ggeghlha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqegheda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira [Art.978[1]. Fi kliem iehor il-pressjoni jew vjolenza jehtieg li jkunu determinanti, ingusti u gravi. Fil-valutazzjoni, imbaghad, tal-kriterji tal-vjolenza ghandhom jigu mehuda in konsiderazzjoni l-eta`, is-sess u l-kondizzjoni tal-persuna [Art.978[2].

"It-termini "pressjoni" u "vjolenza" huma ekwipollenti ghal xulxin gjaladarba jista' jkollok vjolenza meta jkun hemm pressjoni gravi u ndebita [*App.Emanuel Falzon vs Anthony Farrugia – 21.04.1997*] Hemm pressjoni jew vjolenza li jivvizjaw il-kunsens meta dawn jirriflettu u jinfluwixxu fuq il-kondizzjoni mentali tal-persuna tant li din ma tkunx libera li taghzel u taghmel dak li tixtieq, u biex tevita l-minaccja ta' dannu gravi, taghzel u taghmel dak li jiddetalha jew jrid haddiehor.

"Tibqa' pero dejjem fil-prudenza tal-gudikant fuq il-provi akkwiziti, l-indagini tal-fatt dwar l-ezistenza o meno tal-vjolenza [*PA Rosario Bartolo vs Giovanni Bartolo – 14.11.1935*] Izda ghandha tintuza cirkospezzjoni biex ma jigix facilment annullat att li invece jisthoqqlu jibqa' fis-sehh [*App.Giuseppe Trichett vs Giorgio Mangion – 22.05.1931*]

"Fil-kaz in disamina dan ir-rekwizit huwa manifestament mankanti. Iz-zewg ragunijiet li tat l-attrici li, skond hi, kienu inducewha sabiex tizzewweg mal-konvenut [li kienet ilha mieghu circa sitt snin] kienu [1] sabiex tehles mis-sikkatura tad-dar, liema fattur hija ddefeniet bit-terminu "escapism", u [2] peress li kellha l-biza' li tibqa' ma

tizzewwigx u tibqa' wahedha. Il-Qorti tosserva li ghandu jirrizulta car li l-ezistenza ta' dawn il-fatturi, assumendo li huma veritieri, mehudin separatatament jew kumuluttivament ma jintegrawx il-*caput nullitatis* kontemplat fl-imsemmi paragrafu. Ghaldaqstant din il-kawza ma treggix.

*"Zball dwar l-identita`*

"Illi din il-kawzali bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [b] hija wkoll manifestamnt infondata u ma ssib ebda sostenn fil-provi.

*"Frodi*

"In propositu ghall-kawzali bazata fuq il-paragrafu [c] ta' l-istess artikolu, il-gurisprudenza tinsenja li "Hu ovvju li hawn qeghdin fil-kamp ta' *moral substitution* li kif spjegat mill-awturi din tissussisti *when the quality is [1] an inherent proprety of the person, and not some isolated past action; [2] present at the time of the wedding; [3] grave, either objectively or subjectively; [4] unknown to the other party; [5] fraudulently concealed for the purpose of obtaining marital consent; [6] lastly, the quality must provoke a crisis on discovery, as otherwise the presumption would be that the error was not in fact substantial"* [*Wrenn – "Annullment"][ App. Louis Agius vs Georgia Agius – 19.10.1988; PA[PS] Stephen Sciberras vs Avk.Francesco Depasquale – 9.12.2002*]

"Fil-kaz taht konsiderazzjoni il-Qorti tosserva li ma gew pruvati l-ebda artifizji jew raggiri adoperati mill-konvenut anterjorment ghaz-zwieg li setghu ngannaw lill-attrici dwar xi kwalita` personali tieghu. Il-partijiet kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin zmien twil qabel iz-zwieg, u skond il-konvenut huma kellhom relazzjonijiet sesswali anke qabel iz-zwieg. Tenut kont tal-provi akkwisiti l-Qorti hi tal-fehma li lanqas dan il-*caput nullitatis* ma jreggi fic-crikostanzi tal-kaz.

*"Discretio Judicii*

“Illi rigward il-kawzali bazata fuq l-ewwel parti tal-paragrafu [d], l-attrici ssostni li l-kunsens “tal-partijiet” kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu.

- omissis-

“Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita’ psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

“Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. “*In altri termini e` necessaria la discrezione non tanto per l’atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell’atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro.” [Bersini,-citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994]* L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta’ unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta’ hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied. Din il-kapacita` li jassumi dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. [*PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003*].

“Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta’ immaturita` ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-*caput nullitatis*. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta’ maturita` jew edukazzjoni, izda ta’ l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg [ *PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003][vide ukoll*

*App.C. App.C Caroline Grech vs Ian Borg, deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati*]

"L-immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni "*non si referiscono ad una piena e terminali maturita`, non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di cioe` che comporta l-matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo` comportare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l'uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento*[3] *ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena [Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrjan citati fil-kawza PA Nicholas Agius vs Rita Agius deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' JAr 2006, supra]*.

"L-applikazzjoni tal-principji premessi ghall-fatti tal-kaz in disamina, necessarjament iwasslu ghall-konkluzjoni li dan il-*caput nullitatis* ma jikkonfigurax f' dan il-kaz. Ma jirrizultax li l-partijiet jew parti kienet affetta b' dan id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif fuq defenit. Il-provi juru li meta z-zewg partijiet taw il-kunsens matrimonjali huma kienu konxji tad-doveri matrimonjali taghhom u tal-kapacita` taghhom li jesegwixxu dawn l-obbligi fil-konfront ta' xulxin. Di fatti l-partijiet ikkonvivew wara z-zwieg ghal zmien twil, u kellhom zewgt it-tfal li gew wara sforz li sar miz-zewg partijiet u anke bl-ghajnuna ta' interventi medici. Il-fatt li sussegwentement zviluppaw certu problemi fl-agir taz-zewg partijiet li wasslet ghal firda personali ta' bejniethom wara snin twal ta' konvivenza, ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni.

*"Anomalija psikologika*

"In propositu ghal din il-*caput nullitatis* sollevata mill-konvenut fil-konfront ta' l-attrici, il-Qorti tosserva li mill-provi ma rrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens

[3] Sottolinear ta' din il-Qorti

matrimonjali l-attrici kienet qed issofri minn anomalija psikologika serja li kienet taghmilha impossibbli ghaliha li tassumi l-obbligi taz-zwieg. Jigi osservat li l-fatt li l-attrici seta' kellha karattru difficli, jew wara z-zwieg bdiet tbati minn dipressjoni wara twelid ta' tarbija, jew li bdiet tiffissa fuq il-figura taghha ma jikkwalifikawx f'dan il-kaz ghal anomalija psikologika serja fit-termini tal-paragrafu precitat.

*"Eskluzjoni posittiva*

"Illi z-zewg partijiet imputaw fil-konfront ta' xulxin il-kawzali bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [f] ta'l-Artikolu precitat.

"Jinsab ritenut fil-gurispurdenza li s-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habet substantiam vero nullam* li b'konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f'kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att pozittiv tal-volonta` taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] [*PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996*] [*PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002*]

"*In subjecta materja* [qerq] l-principju jibqa' dak sancit fl-Art.981[2] tal-Kap.16, jigifieri li l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat.

"Ghalhekk sabiex tirnexxi din il-kawzali, jiehtieg li jigi provat sodisfacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, iz-zewg kontendenti, jew parti minnhom, internament kienet qed teskludi b' att posittiv tal-volonta` taghha jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huma il-bonus fidei, il-*bonus prolis* u l-*bonus vitae*, ossia l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

"Il-Qorti tosserva li mill-provi dan ir-rekwizit jirrizulta mankanti. Ma jirrizultax pruvat, li fl-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-attrici jew il-konvenut internament b'att posittiv tal-volonta` taghhom eskludew xi obbligu essenzjali ghall-hajja matrimonjali. Di fatti huma kellhom konvivenza twila li matulha kellhom zewgt it-tfal, u nonostante l-problemi li fil-kors tal-hajja jinqalghu bejn koppja mizzewga matul iz-zwieg, ma jirrizultax li fil-mument krucjali tal-ghoti tal-kunsens il-partijiet kienu fil-*forma mentis* taghhom mankanti f'dan ir-rigward.

"In fine hija opportuna l-osservazzjoni li "Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta` u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss." Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta` u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m'ghandux iwassal sal-punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta' bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll iservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh. [*App.C Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia – 28.07.1987*, citata b' approvazzjoni *PA[PS] Christine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002 u PA[PS] Chritine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002*]

"Dan premess u kkunsidrat it-talba attrici mhijiex sostnuta mill-provi u ghalhekk ma timmeritax li tigi milqugha.

"Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attrici."

**L-appell ta' l-attrici**

**3.** Permezz ta' rikors ippresentat fl-10 ta' Novembru 2006, l-attrici appellat minn din is-sentenza. Hija ressqet hames aggravji.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**4.** L-ewwel aggravju hu bazikament fis-sens li l-ewwel Qorti ma spjegatx ghalfejn it-talba attrici giet michuda. Frankament din il-Qorti ma tistax tifhem x'qed tippretendi l-attrici permezz ta' dana l-aggravju. Minn qari, anke superficjali, tas-sentenza huwa evidenti li l-ewwel Qorti, wara li esponiet il-ligi applikabbli ghal kull wiehed mill-*capita nullitatis* – esposizzjoni li l-appellanti stess li taqbel maghha "mija fil-mija" – fissret li ma setghet issib xejn fil-provi li kien jinkwadra f'dawk il-parametri legali. L-unika kawzali li l-ewwel Qorti ddisponiet minnha bl-aktar mod sommarju, minghajr ma anqas qaghdet tahli zmien tipprova tispjega l-principji legali involuti, huwa dak ta' l-izball dwar l-identita` -- u dan bir-ragun ghax ma hemmx l-icken ombra ta' indikazzjoni li kien hemm xi zball fuq l-identita` tal-konvenut. L-attrici anqas ma hi qieghedha remotament tibbzza l-appell taghha fuq din il-kawzali; l-appell hu ppernjat fuq il-paragrafu (d) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255. Jekk b'dana l-aggravju l-appellanti qed tippretendi li l-ewwel Qorti kellha toqghod tirrepeti, ghal xi whud jew ghal kull wahda mill-*capita nullitatis*, siltiet mill-affidavits u deposizzjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti taghmilha cara li ma kien hemm assolutament ebda bzonn li dan isir, aktar u aktar meta dik il-Qorti kienet qed tafferma b'mod inekwivoku li <u>ma kienet qed issib xejn fil-provi</u> li kien jinkwadra taht *caput* jew iehor. Dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh.

**5.** It-tieni, it-tielet u raba' aggravji jistghu jigu kkunsidrati flimkien. Bazikament l-appellanti qed tilmenta li l-ewwel Qorti zbaljat meta tat aktar affidament lil dak li qal il-konvenut, li injorat punti ossia fatti importanti li hargu mid-deposizzjonijiet u/jew mill-affidavits, u li ma ghamlitx apprezzament korrett tal-fatti. Skond l-appellanti kieku l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-fatti kollha, kienet tasal ghall-konkluzjoni li kien hemm il-vizzju ravvizat fil-paragrafu (d) tal-imsemmi Artikolu 19(1). Issa, din il-Qorti ezaminat il-provi <u>kollha</u> akkuratament, u tosserva s-segwenti:

i. Din il-Qorti, bhal dik ta’ qabilha, hija aktar propensa li temmen il-versjoni tal-konvenut milli dik ta’ l-attrici. Il-versjoni tal-attrici aktar ma taqraha aktar tispikka fiha dik il-vena jew lega ta’ xi hadd li qed jipprova jaghmel minn kollox biex igib il-bocca qrib il-likk. L-allegazzjonijiet tal-attrici versu l-konvenut – li kien mahmug, li kien impotenti, li kien aggressiv, li kien ikollu x’jaqsam kontra r-rieda taghha b’mod mhux naturali, dwar li ma kienu johorgu qatt, ecc – mhux biss ma huma korroborati b’ebda mod, izda huma michuda kategorikament mill-konvenut, li anke meta wiehed jaqra d-deposizzjoni tieghu moghtija *viva voce* quddiem l-ewwel Qorti jintebah li huwa aktar oggettiv u bilancjat fl-esposizzjoni tieghu. Mill-banda l-ohra l-attrici ippruvat timminimizza relazzjoni li hija kellha ma terza persuna (ara d-dokumenti ezibiti mill-konvenut a fol. 66 u 68). Ix-xena surreali li tiddeskrivi l-appellanti – ta’ zewgha jiggieled mal-parti privata tieghu[4] – bir-ragun tnissel f’min ghandu jiggudika dwar il-fatti thassib dwar il-veracita` ta’ dak li qed tghid l-attrici.

ii. Bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tara xejn fil-provi li jistghu jwassluha ghall-konkluzjoni li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-attrici jew il-konvenut kienu ostakolati minn xi <u>inkapacita`</u> psikika jew kostituzzjonali li jaghrfu jew jirriflettu, jew li jiddeciedu liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Apparti l-eta` tan-nubenti u apparti kemm kienu ilhom gharajjes, il-fatt li l-attrici setghet iddecidiet li tizzewwg fi zmien partikolari ghal ragunijiet mhux ghal kollox rakkomandabbli, ma jfissirx li hija kienet <u>inkapaci</u> li tirrifletti jew li kienet <u>inkapaci</u> li tiddeciedi liberament (ghax mahkuma minn impulsi interni li <u>nehhewlha</u> l-liberta` tal-ghazla). Kif inhu risaput, nuqqas ta’ hsieb jew nuqqas ta’ riflessjoni, kif ukoll ghazliet u decizjonijiet zbaljati, huma perfettament kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju li ma tkunx karenti fis-sens tal-ligi. Huwa veru li jidher li, apparti li l-attrici kienet pjuttost persuna ta’ rasha iebsa u kellha ommha wkoll ftit “bossy”, hija minn dejjem kienet tbati minn xi ftit ossessjoni dwar id-dieta – stat nevrotiku li seta’ aggrava ruhu maz-zmien; izda fin-nuqqas ta’ provi

[4] Fol. 30.

ohra, inkluzi possibilment dawk medici, din il-Qorti, bhal dik ta’ qabilha, ma tistax tikkonkludi, anqas fuq bazi ta’ probabbilita`, li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali kien hemm id-difett serju ravvizat fil-paragrafu (d) in dizamina. Kif jinghad fil-kummentarju ghall-Kanone 1095 fl-*Study Edition* ta’ *The Code of Canon Law - A Text and Commentary*, ikkummissjonat minn *The Canon Law Society of America* u pubblikat fl-1985: **“Usually the serious lack of discretionary ability is due to some form of psychopathy or personality disorder which has a grave effect on the intellect. Similarly, the exercise of judgment, while not totally impaired, may be significantly diminished due to a nervous disorder. This disorder may be permanent or transitory. In either case it must be so serious that at the time of consent the person affected is incapable of *marital* consent. The mere fact of a personality or nervous disorder in itself does not necessarily lead to the conclusion of a lack of due discretion; rather, what must be determined is the gravity of the condition and its actual effect on the intellectual capacity to evaluate the decision or the ability of the will to choose freely.”**[5]

iii. Anqas ma tirravviza din il-Qorti li l-ossessjonijiet latenti li seta’ kellha l-attrici kienu jammontaw ghal anomalija psikologika serja li kienet taghmilha impossibbli (mhux semplicement difficli) ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

**6.** Kwantu ghall-hames aggravju – l-attrici tilmenta li l-ewwel Qorti zbaljat meta kkundannatha thallas l-ispejjez kollha – din il-Qorti semplicement ma tara ebda validita` f’dana l-ilment.

**Decide**

**7.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell jithallsu mill-attrici appellanti.

[5] Pagna 776.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------